**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru 20/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Matthew VELLA**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-10 ta' Jannar 2023 fil-konfront ta' **Matthew VELLA**, iben Joseph u Josette nee` Abela, imwieled il-Pieta` nhar l-1 ta' April 1997, residenti fil-fond numru 28, Triq Mario de Vasi, Mellieħa, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0133197(M), li ġie mixli talli:

1. Nhar l-20 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' 11:45hrs, ġewwa l-Park tal-Majjistral limiti tal-Mellieħa, ma kellux, qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs), jikkaċċja jew

jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu, fl-ebda żona tal-Park u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83, Reg. 3(1)(a);

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma kellux qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs), jidħol jew jipprova jidħol fil-Park meta jkun fil-pussess ta' arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew mhix, sew jekk fl-għata tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' munizzjon għat-teħid tal-kaċċa, jew fil-pussess ta' apparat ieħor intiż għall-kaċċa jew teħid, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83, Reg. 3(2)(a);

3. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, meta ikkaċċja fil-konfini kellu jiskarga l-arma tan-nar jew arma oħra u jqiegħda fl-għata tagħha u kellu jiġbor kull apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar, jew għat-teħid u joħroġ mill-Park sal-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs), u jiżgombra mill-Park kull arma tan-nar, munizzjon jew apparat intiż għall-kaċċa jew teħid, jew kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ ikkaċċati, kemm jekk ħajjin jew mejtin, kemm jekk sħaħ jew parti minnhom, fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, sal-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs), iżda meta persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed f'kompartament imsakkar fl-imsemmi bini kull arma tan-nar skargata jew armi oħra, munizzjon, apparat jew mezzi oħra użati minnha intiżi għall-kaċċa jew teħid ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83, Reg. 3(3)(a);

4. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, ebda persuna fi kwalunkwe parti tal-Park ma għandha tkun fil-pussess jew fil-konroll ta' arma tan-nar jew kull tip ta' arma oħra intiża għall-ikkaċċjar jew teħid, kemm jekk ikkargata jew mhix, kemm jekk fl-għata tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' kull tip ta' munizzjon jew apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar jew teħid, jew xi mezzi oħra intiżi sabiex jiffaċilitaw l-ikkaċċjar ta' għasafar selvaġġi jew fniek selvaġġi ħajjin jew mejtin, kemm jekk sħaħ jew parti minnhom, bejn l-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs) u

saghtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.83, Reg. 3(4).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali tas-sena 2006, kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lill-imputat (illum l-appellant) **Matthew VELLA** mit-tieni imputazzjoni, filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), li fit-termini tal-Artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200). F'każ li l-ħlas isir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih, u jekk dan ma jitħallasx, jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti, fit-termini tar-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Matthew VELLA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti:

"*Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tirrevoka u tannulla s-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel,*

*tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u konsegwentement, tilliberah mill kull htija u piena.*

*B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess relevanti mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42.*"

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għall-appell interpost minn Matthew VELLA billi opponiet għat-talba kif dedotta fir-rikors tal-appell, u dan għar-raġunijiet hemmhekk indikati.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw il-mertu tal-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar id-29 ta' Awwissu 2023. Fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar it-22 ta' Frar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom xejn xi jżidu mat-trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar l-20 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' 11.45 a.m., PC 789 M. Said, flimkien ma' PC 217 u PC 1093, irċevew rapport mingħand Camilla Appelgren, *Ranger* tal-Park Majjistral, illi ġewwa l-istess Park kien hemm persuna maskili illi kienet qed tikkaċċja wara l-ħin stipulat. L-imsemmija Pulizija marru fuq il-post, fejn hemmhekk iltaqgħu mal-imsemmija *Ranger* fil-parkeġġ ta' *Popeye Village*, iżda hekk kif kienu sejrin ħdejn il-kaċċatur, dan deher iqiegħed kollox fil-vettura u jsuq 'il barra. Għalhekk, l-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti blukkaw it-triq ta' *Popeye Village* u nterċettawh, saret spezzjoni fil-vettura u hemmhekk instabu madwar erbgħin malvizz, kif ukoll *birdcaller*. Irriżulta illi l-istess kaċċatur kien Matthew Vella, detentur tal-

karta tal-identita` 133197(M) ossia l-appellant odjern, li ġie mogħti d-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt tal-avukat, liema dritt huwa rrifjuta li jeżerċitah u ffirma d-dikjarazzjoni relevanti. Huwa stqarr illi ma kienx jaf li ma setax jibqa' jikkaċċja wara l-ħin tal-10.30 a.m. L-arma tal-appellant ġiet konfiskata u nħarġet ir-riċevuta relattiva. L-appellant ġie nfurmat li kienu se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu[1], kif fil-fatt ġara, u kif ingħad, nhar l-10 ta' Jannar 2023, ingħatat sentenza fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

7. Illi permezz tal-<u>ewwel aggravju tiegħu</u>, l-appellant jillanja dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, li skont hu ma kienx korrett. Huwa jikkontendi illi l-provi tal-Prosekuzzjoni ma kellhomx iwasslu sabiex tinstab ħtija fih dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan għaliex fil-fehma tiegħu, il-provi prinċipali "*la huma safe u lanqas satisfactory*". Skont l-appellant, huwa mhux identifikabbli mill-filmat esebit għaliex dan ittieħed minn ċerta distanza. Huwa jsostni illi kellu jiġi ppruvat fil-grad rikjest mil-liġi, illi huwa kien il-kaċċatur li kien qed iġorr arma tan-nar u munizzjoni fil-Park tal-Majjistral, illi fil-fatt l-azzjoni tiegħu seħħet fil-konfini tal-Park tal-Majjistral, u illi tali azzjoni seħħet wara l-10.00 a.m. fil-jum tal-Erbgħa. B'rabta ma dan l-aggravju, l-appellant jissottometti illi filwaqt li huwa minnu illi ż-żewġ *rangers* għarfu lill-appellant fl-awla, mhux l-istess xehed PC 789, li jidher illi waqqaf lill-imputat barra mill-konfini tal-Park tal-Majjistral u illi fl-ebda ħin ma qal illi kien għaraf lill-appellant bħala dak li kien qed jikkaċċja fil-Park tal-Majjistral. Skont l-appellant, PC 789 lanqas ma jgħid illi ra lill-appellant ħiereġ mill-Park tal-Majjistral u dak li hu żgur hu illi l-appellant twaqqaf mill-Pulizija barra ż-żona tal-Park tal-Majjistral. Jillanja wkoll mill-fatt illi PC 789 lanqas ma staqsa lill-appellant b'mod dirett dwar xi fatt li seta' seħħ ġewwa l-Park tal-Majjistral.

8. Jissottometti in oltre l-appellant illi l-filmati esebiti la jġorru data u lanqas ħin, filwaqt li lanqas ma jindikaw il-lok li fih jingħad mill-Prosekuzzjoni li huwa kien qiegħed jikkaċċja u illi d-dura kienet tinsab proprju fil-konfini tal-Park tal-Majjistral kif delinejata mil-Leġislazzjoni Sussidjarja

[1] Ara l-affidavit ta' PC 789 M. Said, a fol. 7 u 8 tal-proċess.

549.83 (Anness I). B'rabta mbagħad mal-lok, l-appellant iżid isostni illi x-xhieda naqsu milli jindikaw fuq pjanta jew mappa, il-lok preċiż fejn l-appellant kien qiegħed allegatament jikkaċċja, dejjem jekk dan kien l-appellant, u dan filwaqt illi jsostni illi kien hu li b'dokumenti esebiti minnu, iżda skartati mill-ewwel Qorti, wera illi ż-żona tal-Prajjiet taqa' barra mill-konfini tal-Park tal-Majjistral. L-appellant jiċċita in sostenn tal-argumenti tiegħu, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli f'dawn il-proċeduri penali bis-saħħa ta' l-Artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Skont l-appellant, mix-xhieda prodotta, jirriżulta illi x'aktarx huwa kien fiż-żona tal-Prajjiet, li tiġi barra l-konfini tal-Park tal-Majjistral, u tinsab viċin *Popeye Village* u illi d-dubju dwar il-lok in kwistjoni għandu jmur favur tiegħu.

9. Din il-Qorti ma tqisx illi l-appellant għandu raġun f'dan l-ewwel aggravju tiegħu. Qabel tgħaddi għal kunsiderazzjonijiet oħrajn b'rabta ma' dan l-aggravju, tagħmel referenza għas-sentenza ta' din l-istess Qorti, hekk kif diversament presjeduta, tal-20 ta' Diċembru 2022, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ishmael Cachia**, fejn ingħad hekk dwar il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali:

> 5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.
>
> 6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-

Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.

10. Din il-Qorti tqis ukoll opportun illi tagħmel referenza għal dak li jiddisponi l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali. Filwaqt illi huwa minnu, sewwa sew kif jisħaq l-appellant, illi fi proċeduri penali għandha tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti, huwa wkoll minnu illi l-prova ta' xhud wieħed biss tagħmel prova sħiħa u kompluta, kemm il-darba din tiġi emmnuta minn min għandu jiġġudika (ara fost oħrajn **Il-Pulizija vs Carmel Agius**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Lulju 2023 u **Il-Pulizija vs Ishamel Cachia**, fuq ċitata).

11. Illi minn eżami mill-ġdid tal-provi għall-finijiet hawn aktar 'il fuq spjegati jirriżulta, tal-inqas mix-xhieda ta' Camilla Appelgren, kemm il-jum, kif ukoll il-ħin u l-lok li fihom l-appellant wettaq ir-reati lilu addebitati. Minkejja illi huwa minnu illi Gilbert Vancell xehed illi l-jum relevanti kien l-24 ta' Ottubru 2021, il-Qorti ma tqisx illi din ix-xhieda toħloq dubji

ta’ natura tali li dwarhom jinsisti l-appellant, u dan fid-dawl tax-xhieda tal-istess Camilla Appelgren, tax-xhieda bil-mezz tal-affidavit ta’ PC 789 M. Said, kif ukoll tal-kontenut tal-filmati, Dok. CA, li fihom Camilla Appelgren tinstema’ tgħid il-jum li fih l-istess filmati kienu qegħdin jinġibdu, filwaqt illi fix-xhieda tagħha, tikkonferma illi kienet hija stess illi ġibdet dawn il-filmati. Din l-osservazzjoni tapplika bl-istess mod għal dak li jsostni l-appellant dwar il-ħin tal-ġurnata li fih huwa jidher iwettaq ir-reati lilu addebitati. Din il-Qorti tosserva illi bl-istess mod u mill-istess filmati jirriżulta illi Camilla Appelgren u Gilbert Vancell mhux biss lemħu lill-appellant jikkaċċja fil-jum tal-20 ta’ Ottubru 2021, li kien nhar ta’ Erbgħa, wara l-10.00 a.m., iżda sabiex jaqdu l-funzjoni tagħhom tajjeb huma ħadu filmati, minkejja li minn distanza, li juru raġel jikkaċċja u aktar tard ħdejn vettura li fiha eventwalment twaqqaf bl-assistenza tal-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti fuq il-post. Fir-rigward il-Qorti tinnota illi mill-filmati jirriżulta b’mod ċar illi l-persuna li kienet qegħda tikkaċċja kienet l-istess persuna li iżjed tard, fit-tieni filmat, tidher ħdejn il-vettura u dan anke mill-ħwejjeġ li kienet liebsa, li fiż-żewġ filmati jidhru li huma l-istess. In oltre, kif tajjeb tgħid l-Avukat Ġenerali fir-risposta tagħha, il-lewn u l-*hubcups* tal-vettura li tidher fit-tieni filmat, huma proprju l-lewn u l-*hubcups* tal-vettura li tidher fit-tieni ritratt esebit mill-Prosekuzzjoni bħala Dok. X8, meta l-vettura ġiet imwaqqfa. Ma hemmx dubju lanqas għalhekk illi l-persuna li twaqqfet eventwalment mill-Pulizija, hija l-istess persuna li dehret tikkaċċja u dan wara li ġew segwiti l-passi tagħha mill-posizzjoni li Appelgren u Vancell għażlu sabiex jissorveljaw l-għemil tagħha, liema persuna ġiet identifikata mill-Uffiċjali tal-Pulizija bħala ħadd għajr l-appellant odjern.

12. Illi dwar il-lok, dak li kellha tikkunsidra l-ewwel Qorti huwa jekk mill-provi prodotti kienx jirriżulta illi l-post li fih l-appellant jidher li kien qiegħed jikkaċċja kienx jaqa’ fil-konfini taż-żona ndikata fl-Anness I tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.48. Din il-Qorti tqis illi l-appellant m’għandux raġun illi jillanja illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova konviċenti dwar il-lok li fih jidher li kien qiegħed jikkaċċja. B’mod partikolari, ma kienx meħtieġ għas-sejbien tal-ħtija illi l-Prosekuzzjoni tindika fuq pjanta jew mappa l-posizzjoni li fiha kien qiegħed jikkaċċja l-appellant, kemm il-darba jirriżulta b’mod sodisfaċenti minn provi oħrajn illi l-lok tassew jaqa’ fil-konfini tal-Park tal-Majjistral.

13. Fir-rigward ma jistax jonqos milli jiġi osservat illi Camilla Appelgren u Gilbert Vancell huma *rangers* li bla dubju jafu tajjeb il-konfini tal-Park tal-Majjistral. It-tnejn jixhdu b'mod ċar illi l-appellant kien jinsab proprju fil-konfini tal-istess Park. In oltre l-filmati wkoll jagħtu indikazzjoni u prova illi sservi bħala konferma ulterjuri illi l-lok fejn kien jinsab l-appellant tassew jaqa' fil-konfini tal-Park tal-Majjistral. Il-kritika tal-appellant fil-konfront tal-Avukat Ġenerali, li jagħmel referenza għall-indizji bħal ma hija t-triq li tgħaddi mill-istess Park u t-torri li jidhru fil-filmati, m'hijiex għalhekk mistħoqqa, mhux inqas għaliex dawn l-indizzji, kif ingħad, ikomplu jikkonfermaw il-lok li fih fil-fatt twettqu r-reati in kwistjoni. F'dan is-sens, id-dokument esebit mill-appellant bħala Dok. AM huwa prova tal-fatt illi l-appellant, li fil-jum u fil-ħin indikat, kien il-ġewwa mit-triq li tagħti għall-*Popeye Village*, kien proprju fil-viċinanzi ta' Torri ta' Ciantar (kif jidher anke mill-ewwel filmat esebit), lok li skond ma jirriżulta mill-Anness I tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.48 jaqa' fil-konfini tal-Park tal-Majjistral.

14. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

15. Illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-appellant sostanzjalment jilmenta illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tal-appellant marbuta mal-liċenzja tal-kaċċa u dan stante illi l-liċenzja tiegħu għas-sena 2021, baqgħet ma ġietx esebita. Skont l-appellant, għalhekk, lanqas ma jirriżulta jekk kellux xi konċessjoni speċjali sabiex jikkaċċja wara l-10:00 a.m. nhar ta' Erbgħa. Isostni wkoll illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova illi kien hemm projbizzjoni tassattiva illi l-appellant ma setax jikkaċċja ġewwa l-Park tal-Majjistral, nhar ta' Erbgħa, wara l-10:00 a.m. Lanqas ma tirriżulta l-prova, skont l-appellant, jekk huwa rrapportax xi qbid ta' għasafar, kif kellu obbligu li jagħmel, u allura jekk il-persuna li sparat kienet fil-fatt l-appellant odjern. Skont l-appellant, il-fatt illi kellu t-tajr fil-vettura, ma jfissirx illi dawn spara għalihom hu, wisq anqas illi dawn spara għalihom fil-jum u fil-lok in kwistjoni.

16. Il-Qorti diġa` qieset kif ġie sodisfaċentement ippruvat tramite l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, illi l-kaċċatur li jidher fil-filmati esebiti minn

Camilla Appelgren kien fil-fatt l-appellant odjern. Huwa rrilevanti jekk inġabitx prova dwar jekk huwa rrapportax jew le xi qbid ta' għasafar fil-jum in kwistjoni. In oltre, kemm il-darba kien tassew minnu illi l-appellant kien ingħata xi konċessjoni speċjali, u dan taħt xi liġi li ma ġietx indikata minnu, kien imiss lilu li jġib il-prova dwar dan. Min jallega jrid jipprova. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni qed tallega illi l-appellant kien qed jikkaċċja ġewwa l-Park tal-Majjistral wara l-ħin tal-10.00 a.m., u dan bi ksur tal-liġi, liema prova l-Prosekuzzjoni għamlitha sal-grad rikjest mil-liġi. Da parti tiegħu, l-appellant ma ġab l-ebda prova illi huwa kellu xi konċessjoni speċjali fil-liċenzja tiegħu sabiex jikkaċċja wara dan il-ħin, u dan la bil-mezz tal-kontro-eżami u lanqas fl-istadju tal-provi tiegħu. Fuq kollox, Thomas Borg in rappreżentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit* jixhed dwar il-liċenzji li kellu l-appellant fis-sena 2021 u ma jsemmi l-ebda konċessjoni speċjali li jirreferi għaliha l-appellant fir-rikors tiegħu.

17. Illi mbagħad fix-xhieda tiegħu, l-istess Thomas Borg jixhed illi nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru 2021, l-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa ġewwa l-Park tal-Majjistral "*kien permess minn sagħtejn ta' tluh ix-xemx sa l-10:00 ta' filghodu, skond ir-regolament 318 [recte: 3(1)(a)]...*"[2]. Fi kwalunkwe każ, ma kienet teżisti l-ebda ħtieġa illi l-Prosekuzzjoni tressaq xhud sabiex, skont l-appellant, jgħid *"b'mod katergoriku li d-dipartimenti rispettivi taghhom kienu b'mod tassattiv qed jipprojbixxu lill-imputat milli, jekk tassew kien hu, li ma setghax jikkacca gewwa il-Park tal-Majjistral nhar ta' Erbgha wara l-10 ta' fil-ghodu"* meta hija l-liġi nnifisha li, bi kliem ċar, tipprojbixxi dan l-għemil. Ir-Regolament 3(1)(a) fil-fatt jgħid hekk:

> 3. (1) Ebda persuna m'għandha:
>
> (a) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara n-nofssiegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m), tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, fl-ebda żona tal-Park matul Settembru, Ottubru, Novembru u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun:
>
> <u>Iżda l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, fl-ebda żona tal-Park qabel</u>

[2] A fol. 26 tal-proċess.

> sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00am) kull nhar ta' Erbgħa (sottolinear tal-Qorti)

Illi dan it-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

18. Illi permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jissolleċita lil din il-Qorti teroga piena aktar miti, kemm għal dak li jirrigwarda l-multa imposta mill-ewwel Qorti, kif ukoll għas-sospensjoni tal-liċenzja taħt l-Avviż Legali 79 tas-sena 2006. Din it-talba qegħda titressaq mill-appellant fuq l-iskorta tal-premessa illi l-fedina penali tiegħu hija waħda netta u li huwa qatt ma xellef diffrejh mal-ġustizzja.

19. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza illi sabiex aggravju bħal dan jiġi akkolt huwa meħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati tkun toħroġ 'il barra mill-parametri tal-piena jew altrimenti tkun manifestament eċċessiva, anke jekk f'għajnejn il-Qorti ta' reviżjoni, il-piena hekk erogata tkun waħda ħarxa (ara **The Police vs Taofik Garuba Tajudeen Sanusi et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Jannar 2003; **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Awwissu 2005 u **Il-Pulizija vs Carmelo Gravina**, Qorti tal-Appell Kriminali, 19 ta' Settembru 2006). Il-Qorti qed tagħmel referenza wkoll għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar 2009 fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler**, fejn il-Qorti qieset illi:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

20. Illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkuż il-post li fih kien qed jikkaċċja l-appellant, kif ukoll il-ħin żejjed illi huwa dam jikkaċċja fih, il-Qorti ma tqisx illi l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati hija manifestament eċċessiva, oltre illi tirrientra fil-parametri tal-piena maħsuba fil-liġi. In oltre t-terminu tas-sospensjoni tal-liċenzja li mponiet l-ewwel Qorti, huwa fil-minimu li tippermetti l-liġi. Għaldaqstant, tiċħad ukoll dan it-tielet aggravju.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant **Matthew VELLA** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**